**143. Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni, l-Onor. Charles Buhagiar ressaq din il-mozzjoni:-**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jikkonċedi b'titolu ta' enfitewsi temporanja lill-Port Cottonera Limited il-mollijiet, bini u dritt ta' rmiġġ fil-Birgu u l-Isla kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-korrispettiv u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Kap. 268, li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita 'skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment';

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-mollijiet, il-bini u d-dritt ta' rmiġġ fil-Birgu u l-Isla kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kif ukoll fid-dokument "A" anness ma' din ir-riżoluzzjoni, liema dokument "A" jagħti klawsola ġdida li tissostitwixxi lill-klawsola numru 2.2 ta' l-abbozz tal-kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-26 ta' Mejju 1998, jiġi mogħti lill-Port Cottonera Limited għall-iskop, il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

16.06.1998

**Il-Prim Ministru ressaq din l-emenda "A":-**

Illi minnufih f'tarf il-mozzjoni għandhom jiżdiedu l-kliem "B'dana wkoll illi minflok il-kliem "not later than the twelfth day of June one thousand nine hundred and ninety eight" kull fejn jinstabu fil-klawsola 4.6 ta' l-abbozz ta' kuntratt fuq imsemmi, għandhom jidħlu l-kliem "not later than four days after the approval of the resolution by the House of Representatives authorising the Government to enter into this deed".".

**L-emenda ġiet irtirata.**

**Il-Ministru tat-Turiżmu u s-*Self Employed* ressaq din l-Emenda "B":-**

1. Minflok il-kliem "il-mollijiet, bini u dritt ta' irmiġġ fil-Birgu u l-Isla kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra" fl-ewwel paragrafu tal-mozzjoni, għandhom jidħlu l-kliem "il-proprjeta' immobbli u dritt ta' irmiġġ fil-Birgu u fl-Isla kif deskritti aħjar fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fit-30 ta' Ġunju 1998"; u

2. Minflok il-kliem "Għalhekk huwa b'dan riżolut" sa l-aħħar tal-Mozzjoni għandhom jidħlu l-kliem "Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjeta' immobbli u d-dritt ta' irmiġġ fil-Birgu u l-Isla kif deskritti aħjar fl-abbozz ta' kuntratt li ġie mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fit-30 ta' Ġunju 1998 jiġi mogħti lill-Port Cottonera Limited għall-iskop u taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**L-Emenda “B” għaddiet.**

**Ir-Riżoluzzjoni, kif emendata, ma għaddietx.**